MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2008

Numru. 830/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Paul Borg ta' 20 sena, bin Paul u Julie nee` Aquilina , imwieled Qormi fl-24/09/1987, residenti Madonna ta' Pinu, Triq in-Nutar Zarb, Attard u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 452187**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza kif migjuba fil-kontra l-imputat u cioe talli nhar l-14 ta' Lulju 2008 ghal habta tat-15:00hrs, gewwa Floriana b'diversiatti maghmulin minnu li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizuluzzjoni wahda,

1. ha parti attiva f'gemgha ta' ghaxra min-nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm dik il-gemgha ta' nies ma kienet giet imxewwxa minn hadd partikulari

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe` vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBN406, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn Euros 1164.69 (Lm500) imma aktar minn Euro 116.47 (Lm50) ghad-detriment ta' Oreste Sammut detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 693137M bhala sid l-istess vettura

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-bonordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied

4. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi hebb kontra Oreste Sammut sabiex jingurjah, idejqu u/jew jaghmillu hsara

5. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ingurja u/jew hedded lil Oreste Sammut.

Rat d-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat, liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat illum seduta stante, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat u l-fedina penali tieghu. Madanakollu l-Qorti tikkundanna l-agir ta' l-imputat, li sabiex jiggieled ghad-drittijiet tieghu f'azzjoni industrijali mehuda minn xufiera tal-karozza tal-linja u tat-taxis u dana sabiex jissalvagwardja l-ghixien tieghu, huwa irrikorra ghall-vjolenza tant illi ikkawza hsara lil persuna innocenti li fuq kollox ma kellu l-ebda involviment f'din l-azzjoni industrijali. Is-socjeta ma ghandha qatt tippermetti dana t-tip ta'agir minn nies li qeghdin jaghtu servizz bzonjuz lill-istess socjeta.

Il-Qorti izda tosserva illi l-imputat iddispjacieh ghal dak illi ghamel tant illi llum seduta stante huwa hallas lill-vittma d-danni kollha sofferti minnha f'dan l-incident. Il-vittma min-naha tieghu fid-dawL ta' dan hafer lill-imputat ghall-agir tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 68(2), 325(1)(b), 338(dd), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor f'dana l-perjodu ta' liberta kondizzjonata.

Finalment b'applikazzjoni ta' l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed turbot lill-hati biex bl-ebda mod huwa ma javvicina lill-vittma Oreste Sammut u lil familja tieghu u dana taht penali ta' €1000 ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------